# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 12 ta' Dicembru 2019**

**Kawza Numru: 44**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 584/2017 JVC**

**Marcus John Marshall Scicluna u Marie Christiane Ramsay Pergola**

**vs**

**Marco Aquilina**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Marcus John Marshall Scicluna et kkonfermaw bil-gurament u talbu kif isegwi:

1. Illi l-istanti huma ko-proprjetarji, kwantu ghal nofs indiviz kull wiehed u wahda minnhom, tar-razzett f'Hal-Tmun, Numrun 27 Triq il-Madliena, il-Madliena, limiti tal-Gharghur u tar-raba ta' madwar l-istess razzett, denominat

"Ta' Kajjarun", lilhom provenjenti mis-successjoni tal-Markiz John Scicluna;

2. Illi l-intimat ma ghandu l-ebda jedd legali fuq l-imsemmi fond u raba' limitrofu u l-istess huma detenuti minnu bla ebda titolu validu fil-ligi;

3. Illi r-rikorrenti interpellaw ufficcjalment lill-intimat sabiex jirritorna c-cwievet tal-istess fond u biex jivvaka mir-raba izda dan baqa' inadempjenti;

Jghid ghalhekk l-istess intimat il-ghaliex m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti , ghar-ragunijiet premessi;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-intimat ma ghandu l-ebda titolu validu u legittimu fir-rigward tal-imsemmi razzett u r-raba' tal-madwar l-istess razzett;

2. Konsegwentement tikkundanna lill-istess intimat sabiex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din il-Qorti tordna l-izgumbrament tal-intimat mill-beni hawn fuq imsemmija, proprjeta' tal-istanti;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficcjali tat-13 ta' Jannar, 2017 u tal-ittra legali tat-3 ta' Mejju, 2016, kontra l-intimat ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li giet irrevokabilment rinunzjata permezz ta' nota datata 18 ta' Ottubru 2019;

Rat illi fil-verbal tal-lum il-partijiet nfurmaw lil Qorti illi l-intimat Marco Aquilina zgombra mill-proprjeta' mertu tal-kawza.

Rat ukoll l-ammissjoni tal-intimat ghat-talbeit attrici kontenuta wkoll fin-nota datata 18 ta' Ottubru, 2019.

Fic-cirkostanzi kollha suesposti tqis illi t-talbiet attrici huwa gjustifikati u ser tghaddi sabiex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex:

(1) Tilqa' l-ewwel talba tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat Marco Aquilina ma ghandu l-ebda titolu validu u legittimu fir-rigward tar-razzel bl-isem Hal Tmun, numru 27, Triq il-Madliena, Madliena limiti tal-Gharghur u fuq ir-raba' ta' madwar l-istess razzett denominat 'Ta' Kajjarun' provenjenti mis-successjoni tal-Markiz John Scicluna.

(2) Tiddikjara t-tieni talba sorvolata stante li l-partijiet stess qablu fl-atti li l-intimat gja zgombra mill-proprjeta' in kwistjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**12 ta' Dicembru 2019**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**12 ta' Dicembru 2019**